MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2012

Numru. 431/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Silvio Agius**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra ’l hawn fuq imsemmi Silvio Agius, iben Joseph u Maria Dolores neé Micallef, imwieled Birkirkara fit-18 ta’ Novembru 1964 u residenti numru 32, Palm Spring, Flat 4, Triq Francesco Ximenes, Naxxar, Malta u detentur tal-karta tal-identita’ numru

586164(M) li gie akkuzat talli nhar it-23 ta’ Frar 2012 jew fil-granet ta’ qabel fi Tritons Crt fi Triq ir-Rabat, Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex;

1. bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu fixkel lil Giovanna Pauline Agius fil-pussess ta’ hwejjigha.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat**

ILLI l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti fuq ir-reat ta’ *ragion fattasi.*

ILLI minkejja li l-Qorti dderigiet lill-kwerelanta u lill-imputat sabiex possibbilment jilhqu transazzjoni bejniethom biex jintlahaq il-buon sens, u ghal dan il-Qorti kkoncediet differiment, ma ntlahaq l-ebda transazzjoni.

ILLI, jirrizulta li l-imputat minn jeddu qabad u qata’ is-servizz tad-dawl u l-ilma fil-fond in kwistjoni.

**Ikkunsidrat**

ILLI fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci**, deciza fis-7 ta’ Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

“[F]il-ligi taghna r-reat ta’ *ragion fattasi* mhux meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta’ izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra”.

ILLI, l-elementi tar-reat ta’ *ragion fattasi* huma ben stabbiliti bhala li jikkonsistu fi: (1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew presunta, ta’ dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b’ezercizzju ta’ dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed

jaghmel *di private braccio* dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

ILLI, b'dak li ghamel l-imputat, m'hemmx dubju li r-reat ta' *ragion fattasi* gie sodisfacentement pruvat u b'hekk l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet pruvata.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' mitt ewro (€100.00).

Finalment, il-Qorti tordna lill-imputat sabiex fi zmien tliet (3) xhur millum jirriprestina l-*meters* tad-dawl u l-ilma fil-fond in kwistjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------